32000D0061

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 1999

li temenda d-Deċiżjoni 93/436/KEE li tistabilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw fiċ-Ċili

(notifikat bid-dokument numru Ċ(1999) 4749)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/61/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tpoġġija fis-suq tal-prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 97/79/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

(1) Iċ-ċertifikat tas-saħħa għal prodotti tas-sajd li joriġinaw fiċ-Ċili u intenzjonati għall-esportazzjoni lill-Komunità Ewropea kien stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/436/KEE tat-30 ta' Ġunju 1993 li jqiegħed kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw fiċ-Ċili [3], kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni 96/674/KE [4];

(2) Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni ta' molluski bivalvi, tunikati ekinodermi u gastropodi marini li joriġinaw fiċ-Ċili huma stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/675/KE [5];

(3) Ir-riferenzi leġislattivi msemmija fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa inkluż fl-Anness A mad-Deċiżjoni 93/436/KEE fihom ċerti żbalji, u huwa għalhekk neċessarju li timmodifikah;

(4) l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness A mad-Deċiżjoni 93/436/KEE għandu jiġi sostitwit bl-Anness ma hawnhekk.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussell, fil-21 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 202, tat-12.8.1993, p. 31.
[4] ĠU L 313, tat-3.12.1996, p. 29.
[5] ĠU L 313, tat-3.12.1996, p. 38.

L-ANNESS

"L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SA~~ĦĦ~~A

għal prodotti tas-sajd u l-akwakultura li oriġinaw fiċ-Ċili u intenzjonati għall-esportazzjoni għall-Komunità Ewropea

Nru ta' Riferenza: .....

Il-Pajjiż li jibgħat: IĊ-ĊILI

L-awtorità kompetenti: Servicio Nacional de Pesca (Sernapesca)

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/l-akwakultura [1]: .....

— speċi (isem xjentifiku): .....

— il-preżentazzjoni tal-prodott u t-tip ta' trattament [2]: .....

— In-Numru tal-kodiċi (meta disponibbli): .....

— It-tip ta' imballaġġ: .....

— In-Numru ta' pakketti: .....

— Il-piż nett: .....

— Il-ħażna rekwiżita u t-temperatura tat-trasport: .....

II. **L-Oriġini tal-prodotti**

L-isem(ijiet) u n-numru(i) ta' approvazzjoni uffiċċjali ta' l-istabbiliment(i), tal-bastiment(i) tal-fabbriki, jew ta' maħżen(ijiet) kiesħa(in) jew bastiment(i) konġelaturi rreġistrati minn Sernapesca għall-esportazzjoni għall-Komunità Ewropea: .....

.....

.....

III. **Id-Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti huma mibgħuta .....

minn: .....

(il-post tal-kunsinna)

lejn: .....

(il-pajjiż u l-post ta' destinazzjoni)

b`dan il-mezz ta' trasport: .....

L-isem u l-indirizz tal-kunsinnatur: .....

.....

.....

L-isem tal-kunsinnatarju u l-indirizz fil-post ta' destinazzjoni: .....

.....

.....

IV. **Iċ-Ċertifikat tas-Saħħa**

— l-ispettur uffiċċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd jew l-akwakultura speċifikati fuq:

(1) kienu maqbuda u mmaniġġati abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti mid-Direttiva 92/48/KEE;

[1] Ħassar meta applikabbli.
[2] Ħajjin, imkessħa, friżati, immelħa, affumigati, priservati, eċċ.

(2) twasslu, kienu maniġġati u meta approprjat ipakkjati, ppreparati, pproċessati, ffriżati, mahlula u mahżuna iġjenikament f'konformità mal-htiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness mad-Direttiva 91/493/KEE;

(3) saru fuqhom kontroll tas-sahha skond il-Kapitolu V ta' l-Anness mad-Direttiva 91/493/KEE;

(4) huma pakkjati, mmarkati, mahżuna u ttrasportati skond il-Kapitoli VI, II u VIII ta' l-Anness mad-Direttiva 91/493/KEE;

(5) ma jiġux minn speċi tossiċi jew speċi li jikkontjenu l-biotossiċi;

(6) saru (fuqhom) b'mod sodisfaċenti eżamijiet organolettiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stabbiliti għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni maghhom;

(7) f'addizzjoni, meta l-prodotti tas-sajd huma molluski bivalvi friżati jew ipproċessati: il- molluski nkisbu minn żoni approvati tal-produzzjoni stabbiliti bl-Anness mad-Deċiżjoni tal- Kummissjoni 96/975/KE tal-25 ta' Novembru 1996 li jistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali għall- importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, u gastropodi marini hajjin li joriġinaw fiċ-Ċili.

— L-ispettur uffiċċjali sottoskritt hawnhekk jiddikjara li hu konxju tad-dispożizzjonijiet tad- Direttiva 91/493/KEE, id-Direttiva 92/48/KEE u d-Deċiżjoni 96/675/KE.

Maghmul f' ....., fil- .....
(Il-Post) (Id-Data)

It-timbru ufficjali (3)

.....
Il-Firma ta' l-ispettur uffiċċjali (3)

.....
(l-isem b'ittri kapitali, il-kapaċità u l-kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)'

(3) Il-kulur tal-bolla u l-firma jridu jkunu differenti minn tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.